L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR




# Dun Karm: Tamietu bejn Nazzjon u Fidi

Charlò Camilleri, O.Carm

L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti
Id-Dipartiment tal-Malti

FONDAZZJONI KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

# Dun Karm: Tamietu bejn Nazzjon u Fidi

Charlò Camilleri, O.Carm.

Pubblikazzjoni tal-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u
d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta, 2019

ISBN: 978-99957-1-646-2

Drittijiet kollha miżmuma mill-awtur u l-pubblikatur

Koordinaturi tal-pubblikazzjoni: George Farrugia u Olvin Vella
Ritratt tal-qoxra: George Farrugia

Stampat: Best Print Co. Ltd, il-Qrendi

Dan l-istudju ġie pprezentat fil-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar nhar is-27 ta' Novembru 2013, fl-Università ta' Malta, l-Imsida, organizzata mill-Fondazzjoni Karmen Mikallef Buħaġar u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta.

Is-sit tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università
www.um.edu.mt/arts/malti




https://www.instagiz.com/tag/ilbelt

Issa waħdek, b'mixjitek sabiħa,
b'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
fommok mimli bil-kelma tas-sliem?

("Il-Monument")

## Dun Karm: Tamietu bejn Nazzjon u Fidi

*F'għeluq il-mitt sena mill-XXXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 u l-kxif tal-mafkar tal-Kungress, xogħol ta' Antonio Sciortino, din it-taħdita tgħarrex il-bixriet inqas magħrufin tal-ħajja u l-kitba ta' Dun Karm, li bħala kittieb Malti b'sejħa ta' qassis u b'qalb ta' poeta kellu tamiet nazzjonali li jistħoqqilhom ħarsa mill-qrib. Il-viżjoni ta' Dun Karm tal-"Omm ħelwa li tatna isimha" hija wkoll frott is-sinteżi fih ta' sentiment uman, nazzjonalità Maltija, u vokazzjoni reliġjuża. Meta din is-sinteżi tingħaqad mal-ħila tiegħu bħala oratur u kittieb, ifeġġ il-profil sħiħ ta' Dun Karm li se jiġi ttrattat f'dan id-diskors b'avviċinament ġdid.*

Fis-sajf tal-2013 waqt żjara l-Olanda għal ħidma ta' riċerka f'Radboud Universiteit ġewwa Nimega, ħadt l-okkażjoni biex inżur l-imkejjen marbutin mal-persuna tal-Prof. Titus Brandsma, filosfu u mistiku Karmelitan maqtul mir-Reġim u l-ideoloġija Nażista f'Dachau. Kelli okkażjoni nżur il-belt ta' Oss, fejn il-Prof. Brandsma, ġa wieħed mill-fundaturi u iktar tard Rettur tal-Università, waqqaf skola sekondarja għall-edukazzjoni taż-żgħażagħ Kattoliċi li dak iż-żmien ma kellhomx aċċess għall-edukazzjoni minħabba d-din tagħhom. F'din il-belt li litteralment inbniet mill-ġdid wara t-Tieni Gwerra Dinjija, bħal Rotterdam, għad hemm mafkar imdaqqas bi xbieha ta' Kristu Sultan imnaqqxa fl-irħam. Dan il-mafkar impressjonani għal dettall interessanti:

qisu qarib mill-bogħod tal-Monument ta' Kristu Re li nsibu l-Mall tal-Furjana u li jfakkar l-XXXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913, li tiegħu matul l-2013 fakkarna għeluq il-mitt sena. Għajr id-daqs, u xi dettalji oħra bħal Malta mixħuta quddiem is-Sultan il-Kbir, dan il-mafkar tal-irħam jixbah, fil-qagħda, l-opra kbira ta' Sciortino li għaliha Dun Karm ħaddem il-pinna ta' kittieb fl-analiżi (ifhem interpretazzjoni) mitbugħa fi tliet partijiet fil-ħarġiet ta' Marzu, April, u Mejju tar-rivista *La Diocesi*[1] tas-sena 1918, u l-pinna ta' poeta fil-poeżija "Il-Monument."

Fuq il-pedestall tal-monument ta' Oss imwaqqaf mill-Prof. Brandsma bejn is-snin 1917-1918 fil-misraħ ewlieni tal-belt, hemm imnaqqxa fiż-żonqor l-espressjoni Latina: *Regi suo cives* (Il-poplu lis-Sultan tiegħu). Illum dan il-mafkar jinsab mistur f'wieħed mill-ġonna pubbliċi fit-tarf tal-belt għax dak li jfisser ma għadux simbolu ewlieni li jgħaqqad il-belt … f'nofs il-misraħ ewlieni llum hemm il-baħħ … għax sal-lum xejn ma nstab li jimla l-post battal li ħalla warajh dan Kristu Sultan … rifless elokwenti ta' żminijietna.

Mhux hekk il-kapulavur ta' Sciortino …! Dan għadu jsaltan … Malta wkoll bi lbies ta' Sultana għadha ma għejietx għarkopptejha b'rasha baxxuta quddiemu … tal-anqas fil-Mall tal-Furjana! Dan

---

[1] P., 'Il Monumento commemorativo del Congresso. Osservazioni – Riflessioni – Critica', f'*La Diocesi* II/10 (Marzo 1918) 307-317; II/11(Aprile 1918) 321-326; II/12 (Maggio 1918) 350-353. Dun Karm iffirma bin-*nom de plume* "P.". Nafu li din il-kitba hija tiegħu għax fin-nota (I) f'paġna 310 tal-ewwel parti mitbugħa f'Marzu huwa jikkwota l-poeżija tiegħu "Cristo" u jikteb: "Perchè i lettori possano di per sè farne il confronto (e spero non parrò vanitoso) vò qui riportare le prime strofe del mio poemetto, pubblicato nel "Malta Letteraria", l'anno 1911."



307

IL MONUMENTO
COMMEMORATIVO DEL CONGRESSO

(OSSERVAZIONI - RIFLESSIONI - CRITICA)

Non fu che una fuggevole ora.....

Ma quella piccola ora era stata aspettata con ansia nervosa da parecchi mesi, giacchè il monumento vi era, pronto, ma scrupolosamente nascosto agli occhi di tutti da un'alta cinta di muro e da uno stretto viluppo di veli bianchi, tenuti al loro posto da non so quante funicelle di fili di ferro: e dopo tanto aspettare la gente credevasi nel pieno diritto di assistere in quell'ora a una visione di bellezza sorprendente.

Nel tepido pomeriggio del penultimo giorno del passato Dicembre, a un cenno del Vescovo diocesano che benediceva e inaugurava solennemente il monumento, si tirarono giù i veli che coprivano il Cristo, ed esso illuminato dalla luce rosea del sole che volgeva al tramonto si presentò agli occhi bramosi di una gran folla raccolta da ogni parte dell isola, varia e diversa di studi, di coltura, di stato, di professione, la quale appuntava il suo sguardo di tra le frondi e i tronchi delle giovani palme e querce che fuori le mura ornano il recente viale. E ora esso è là, tra il verde e l'azzurro, viandante spirito soavemente mesto; e la gente che passa lo saluta, e nei rossi crepuscoli del vespero intorno ad esso si raccoglie, come consapevole di essere sotto la sua protezione, uno sciame di allegri bambini e bambine a trastullarsi saltellando, o facendo correre il cerchio, o ballando in tondo e accompagnando il gioco con canzoncine imparate alla scuola o al collegio.

Non fu che una fuggevole ora; ma oimè! in quella breve ora molti videro dileguarsi il sogno di bellezza che avevano sognato. Sotto il bianco velame non vi era il Cristo che nella loro testa si erano figurati, e al comparire di questo contorsero le labbra e scossero il capo. Allora io mi meravigliai con quanta irriflessione e con quanta leggerezza certa gente nostra (e anche gente non nostra) ami sentenziare anche su cose difficili o addirittura fuori della loro portata. Giammai nella mia vita non sentii giudizi così disparati, opinioni così varie e discordi su una cosa. E io stupii, perchè molti che proferivano tanto alla spigliata quei giudizi, in gran parte duri e irragionevoli, non erano gente grossa, che ordinariamente è di prima impressione e affatto priva di criterio, bensì gente che han studiato, e che avrebbero avuto agio di affinare il gusto del bello e il senso dell'arte.

*L-artiklu li Dun Karm kiteb fir-rivista 'La Diocesi' fl-1918 dwar il-monument ta' Sciortino.*

il-mafkar maestuż għandu bosta stejjer x'jirrakkonta, fosthom sensiela ta' kitbiet kritiċi u analitiċi dwaru minn diversi kittieba Maltin bħall-Prof. Anastasju Cuschieri u oħrajn li nħbew taħt in-*nom de plume,* kif kienet id-drawwa taż-żmien, u kif saħansitra għamel Dun Karm fl-analiżi li semmejna ffirmata P.

Fl-1911 Dun Karm kien ippubblika fil-*Malta Letteraria* poeżija ta' erbgħin strofa li ġġib l-isem "Cristo." Li ma kienx għad-data, l-ewwel strofi tistħajjilhom ispirati mill-mafkar ta' Sciortino ... min jaf, forsi, hux bil-maqlub:

*Solo e sublime stai fra cielo e terra*
*securo il piede su granito eterno,*
*uomo e divino, sacerdote e rege,*
*candido Cristo.*

*Vanno le aquile intorno al tuo bel capo*
*con forte volo: ai pie' s'adagia e rota*
*gli occhi fieri un leon: tu mansueto*
*guardi e sorridi.*

*Sorridi e guardi e vedi col possente*
*occhio di sole comparir da lunge*
*strisciar dinanzi e via fuggir nel buio*
*uomini e tempi.*[2]

---

[2] *Malta Letteraria. Rivista Mensile di Lettere, Scienza et Arte* 8 (1911), 71. Din il-poeżija ġiet mitbugħa wkoll mal-poeżiji Taljani f'Carmelo Psaila, *Liriche,* con prefazione di G. Curmi, Aquilina Malta, 1954, u iktar riċenti f'*Dun Karm. Le Poesie italiane*, a cura di Oliver Friggieri, Malta University Press, Malta 2007.

Il-poeżija, li Dun Karm jislet minnha xi strofi f'nota tal-analiżi li kiteb, insibu l-istess sentimenti li aktar tard insibuhom fil-poeżija "Il-Monument." Dun Karm jistħajjel jgħibu quddiem il-ħarsa niffieda ta' Kristu Re s-slaten u l-iżmna, is-saltniet u r-rebħiet, il-qawwiet u l-imperi, Mene (l-alla Griega tax-xhur) u Menfi (alla Eġizzjana bint l-alla Nil, mart Epafu u omm Libja), Ċiru l-għaref[3] u l-kburi Kambisi[4], Darju u Alessandru[5], u l-bqija ...

*Tu solo eterno: passano i millenni!*

*... e su te morranno*
*del sole stanco gli ultimi tramonti:*
*nel cielo quindi l'immortal peana*
*del tuo trionfo*.[6]

Mhux hekk għal Malta iżda! Din ma tgħaddix, ma tintemmx bħall-bqija għax hi bħall-"*Bniedem Alla*" hi "*żgħira imma kbira*"! Fil-poeżija tiegħu t'erba' strofi "*A Malta dopo il congresso eucaristico,*" Dun Karm bi kliem mexxej u solenni jpittrilna x-xena tal-Barka Solenni t'għeluq il-Kungress fuq il-Port, u jistħajjel lil din id-daqsxejn ta' gżira bħala tempju li jilqa' fih lis-Sultan ta' qalb ħelwa li jġib is-sliem (*pacifico*) u lill-poplu tiegħu. Il-gżira kollha fl-art u s-sema, tinfexx f'liturġija kożmika li tisboq iċ-ċelebrazzjoni u tinfirex bi ħlewwa fl-imkejjen ta' Malta:

---

[3] Ċiru II tal-Persja (576-530 QK) magħruf ukoll mill-Griegi bħala Ċiru l-Kbir li għaqqad l-ikbar imperu li qatt kien twaqqaf sa żmienu.

[4] Kambisi II (+522 QK), bin Ċiru II tal-Persja.

[5] Darju I, il-kbir (550-486 QK); Alessandru III, il-Maċedoni, magħruf ukoll bħala l-kbir (356-323 QK).

[6] *Malta Letteraria.* 8 (1911), 71.

*Tempio il tuo cielo di zaffiro puro,*
*fu altare i tuoi colli e i tuoi baluardi,*
*rose le glorie e il sangue imperituro*
*de' tuoi mille gagliardi.*

*E venne il re, pacifico Signore*
*dei tempi, e sovra l'alto tron s'assise:*
*Arse l'incenso di Fede e d'Amore,*
*e Speranza sorrise.*

*Sonò il tuo canto come nel più folto*
*de la foresta mugge cupo il vento*
*sovra i tuoi figli e il mondo in te raccolto*
*levossi il Sacramento.*

*Poi mentre il popol tuo, sì come greggia*
*fida tornava a' suoi diversi ostelli*
*cantando, disse il Re: Trionfo e Reggia*
*non ebbe mai più belli.*

Taħt il-ħarsa tas-Sultan il-Kbir, f'għajnejn il-poeta, Malta hija t-tempju tal-Glorja u s-Sala tat-Tron mhux tant għax il-liturġija kienet espressjoni solenni u trijonfali tal-fidi iżda għax il-"*pacifico Signore*" baqa' jsaltan "*nei diversi ostelli.*" L-armonija u s-sbuħija idillika espressa fil-kult liturġiku tibqa' għaddejja fil-ħajja ta' kuljum moħbija minn għajnejna imma ma taħrabx minn taħt il-ħarsa ta' Kristu Re. Nistgħu ngħidu li għeluq din il-poeżija huwa tkomplija tal-ewwel strofa li fiha b'mod indirett il-poeta bħal donnu jrid ifakkarna fl-Assedju l-Kbir, mhux tant fil-verità storika tiegħu iżda forsi aktar minn hekk fis-sens mitiku tiegħu tar-Rebħa ta' Malta u l-Fidi fuq it-theddida tal-invażur Ottoman

– "għadu għajjur" isejjaħlu Dun Karm fuq il-livell ċivili u reliġjuż. Hawnhekk l-invażur Ottoman jingħata karatteristiċi djaboliċi tax-Xitan imsejjaħ ukoll "għadu ħajjen"[7].

Taħt din il-poeżija hemm mhux biss ħila poetika iżda wkoll ħsieb u kunċett teoloġiku li jsawwar il-kult Nisrani: "it-Tifkira" jew aħjar "il-Memorjal" li huwa l-għajxien mill-ġdid fl-issa tal-imgħoddi li jħares lejn il-ġejjieni. Fl-imgħoddi jitnisslu l-issa u l-ġejjieni, waqt li fl-issa jingħaqdu l-imgħoddi u li ġej hekk kif dan li ġej huwa fl-issa tqil bl-imgħoddi lest biex inissel il-ġejjieni. F'din il-poeżija, bħal fil-kult liturġiku, il-poeta b'sengħa jwaħħad l-imgħoddi, l-issa, u l-ġejjieni immortalizzati fil-ħarsa divina ta' Kristu Sultan. Għalhekk, Malta f'Dun Karm hija kważi kważi eterna għax meta jgħannilha u jitkellem dwarha jgħaqqad flimkien l-imgħoddi, l-issa u li ġej f'Alla.

Dan is-sens joħroġ aktar ċar meta nqisu li din il-poeżija Dun Karm ippubblikaha fl-1913 fil-ħarġa numru 7 tal-perjodiku

[7] Ara wkoll il-poeżija ta' Dun Karm "Fis-7 ta' Mejju 1941 (Sunett-Talba)" u l-*Melita Invicta* ta' Ġuże Chetcuti. Hawnhekk ta' min isemmi l-fatt li sa mill-ibgħad żminijiet l-Iżlam ma kienx meqjus reliġjon proprja, bħalma hu meqjus illum, daqskemm kult eretiku Nisrani, superstizzjoni u kult tax-Xitan. Ara dwar dan: John of Damascus, "On Heresies: The Heresy of the Ishmaelites," f'*The Fathers of the Church* – 37, Washington, DC: Catholic University of America Press, 1958, 153-160. Tumas ta' Akwinu, *De rationibus fidei contra saracenos, graecos et armenos*, maqlub għall-Ingliż minn Damian Fehlner, FMI 2002; Juan de Ribera, *Catechismo para la instrucción de los nuevos convertidos de los moros*, 1599; Alfonso M. de Liguori, "Della setta di Maometto: Storia delle eresie colle loro confutazioni," VII/1, f'*Opere* – 8, Torino: Marietti, 1857, 5-440. Dan tal-aħħar żgur li ġie f'idejn Dun Karm minħabba li l-kitbiet ta' Liguori kienu popolari fi żmienu.

*L'Aurora nel Secolo del Sacramento* mitbugħ mill-Karmelitani fl-Italja. Din ir-rivista bdiet toħroġ fi żmien il-Pontifikat tal-Papa Piju X li l-motto tiegħu, u allura l-proġett pastorali tal-pontifikat, kien itenni: *Instaurare omnia in Christo.*[8] Fil-fatt, dan il-Papa nieda proġett ta' tiġdid għall-Knisja fi żmien il-Moderniżmu billi għafas fis-sewwa li t-tiġdid mill-qiegħ ma huwa xejn ħlief li nindunaw li Kristu huwa l-fus li miegħu jdur kollox u li allura nirrikonoxxu li fih jibda u jintemm kollox. Il-Papa Piju X pprova jagħmel dan l-ewwel u qabel kollox billi jirriforma l-kult u jagħmel iktar aċċessibbli s-sehem fit-tqarbin. Żgur li Dun Karm, bħala

---

[8] Piju X huwa Papa kontroversjali sal-lum minħabba li l-Pontifikat tiegħu huwa mmarkat minn kontradizzjonijiet li mhux faċli tirrikonċiljahom, l-aktar minħabba dik l-espressjoni ta' Kattoliċiżmu li mhux dejjem jidher li fehem il-kumplessità ta' problemi li mhux lakemm issibilhom tarf b'metodi u forom intransiġenti. Giacomo Martina jikteb hekk dwaru: *"Il suo pontificato risente di queste contraddizioni ed è oggetto di diversi giudizi. Restano, validissimi, gli impulsi ad una pietà eucaristica, ad un canto serio e partecipato di tutto il popolo, parte importante del culto vissuto, ad una catechesi chiara e precisa norma di vita, restano l'opera della codificazione e la lotta per una Chiesa povera ma libera... Discutibile appare non la sostanza, ma il modo con cui venne combattuto il modernismo. Ma la storia è avezza a cammini difficili, a una ricerca ardua della strada migliore, e al di là di queste lacune riconosce in Papa Sarto gli impulsi validi sopra ricordati."* Għaldaqstant madwar Piju X, li fi kliem Martina "*schiacciò il modernismo ma favorì la modernità,*" jibqgħu jippersistu l-fehmiet kontrastanti tal-istoriċi dwar il-kwistjoni tal-Moderniżmu li fiha dan il-Papa kien jara tliet żbalji gravi: 1) iċ-ċaħda tat-traxxendenza ta' Alla, jew l-immanentiżmu, 2) it-trijonf tal-kuxjenza suġġettiva maqtugħa mill-verità oġġettiva, u 3) ir-relattiviżmu dommatiku. Ta' min isemmi wkoll li dan il-Papa, li kellu sfiduċja sħiħa fil-partiti politiċi, ippromwova wkoll l-impenn politiku u soċjali. Għal studju dettaljat ara Giacomo Martina, "Così 'Bepi' Sarto divenne il parroco del mondo. Pio X," f'*I Papi del ventesimo secolo. Supplemento a Jesus* 4 (Aprile 1988) III/70, 29-52.

qassis, u iktar u iktar bħala lettur fis-Seminarju li kellu x'jaqsam mal-formazzjoni tal-kjeriċi, xorob dan il-proġett.

Aspett ieħor ta' dan il-pjan pastorali kien il-qawmien mill-ġdid tal-Filosofija u t-Teoloġija Tomista kontra t-theddida għall-fidi u l-morali li kienet ġejja mis-Sekulariżmu u r-Relattiviżmu mħaddan mill-Moviment Modernista. Fil-ħsieb Tomista, "ir-raġuni u r-rivelazzjoni" jimxu flimkien, ma jikkontradixxux lil xulxin, mhumiex ta' theddida għal xulxin. Naturalment hemm aspetti kontroversjali fil-fehma u l-politika anti-Modernista tal-Papa Piju X espressi bħal, ngħidu aħna, fil-*Lamentabili Sane Exitu*, fil-*Pascendi Domini Gregi* u iktar tard, għax din tinteressana l-iktar għar-rabta ma' Dun Karm, fis-*Sacrorum antistitum,* jew il-pożizzjoni meħuda b'ħalfa mill-kleru fl-1910 (speċjalment edukaturi fis-seminarji, inkluż Dun Karm, u teoloġi) kontra l-ħsieb Modernista.

Mhuwiex l-għan ta' din it-taħdita li tidħol fil-fond tal-kwistjoni anti-Modernista mnedija mill-Papa Piju X, li tinkludi l-oppożizzjoni għas-separazzjoni bejn Stat u Knisja, it-theddida tal-interdett, u l-iskomunika, li kellhom ukoll riperkussjonijiet mhux żgħar lokalment fil-kwistjoni politika ma' Lord Strickland fi żmien Dun Karm. Fil-limiti imposti mit-tema u l-ħin hawnhekk huwa biżżejjed nuru ma' liema linja ta' ħsieb u azzjoni kien jinsab Dun Karm, speċjalment fir-rwol ta' lettur fis-Seminarju.

Għaldaqstant, biex inqiegħdu kollox fil-perspettiva tiegħu, mingħajr ma nidħlu fid-dettall, nistedinkom immorru lura għat-tweġiba tal-Knisja lir-Razzjonaliżmu, moviment li biex ngħidu hekk ġie minn barra l-Knisja. F'dan iż-żmien inħolqu l-Manwali li kienu bħal kompendji li jagħtu tweġibiet diretti, ċari u ordnati

li l-qassisin setgħu jużawhom fis-sitwazzjonijiet pastorali li kienu jsibu ruħhom fihom. B'dan il-mod il-Knisja setgħet tilħaq il-kleru kollu b'mod tajjeb u adattat għall-intelliġenza ta' kulħadd u hekk twieġeb b'mod uniformi għall-problemi ta' żmienha. Din is-sistema bdiet fis-sekli sittax u sbatax. Il-Ġiżwiti fil-Gregorjana, mill-1824 'il quddiem, daħħlu mill-ġdid it-Tomiżmu jew dik li tissejjaħ it-Teoloġija Skolastika. B'din is-sistema ġie ffurmat il-futur Papa Ljun XIII li daħħal it-Tomiżmu fil-formazzjoni teoloġika tas-seminarji. Tajjeb inżommu f'rasna li Dun Karm ġie ffurmat fis-seminarju bejn l-1885-1894.

B'reazzjoni għal dan il-moviment daħal il-Moderniżmu fil-Knisja. U hawnhekk nirreferu l-iktar għal movimenti ta' ħsieb fi ħdan il-Knisja nnifisha. Huwa primarjament kontra l-influss ta' dan il-moviment fuq il-Knisja li Piju X tqabad, iktar milli lejn il-Moderniżmu fih innifsu. Fl-istess ħin fil-Knisja kien hemm żvilupp enormi fl-istudju tat-Teoloġija u s-suġġetti tal-Iskrittura, l-Arkeoloġija, il-Moviment Liturġiku, u diversi oqsma oħra. Kien f'dan iż-żmien li ħarġet il-famuża opra *Migne* li tiġbor fiha l-Padri Griegi u Latini. Il-Fakultà tat-Teoloġija f'Malta gawdiet minn dan it-tibdil għax bosta mill-Kleru studja fl-Università Gregorjana, fosthom Anastasju Cuschieri, u bdew jgħallmu fl-Università Rjali ta' Malta. Kien minħabba dawn ir-riformi, li bdew minn Iljun XIII u ssaħħu taħt Piju X, li Dun Karm seta' mbagħad jgħallem suġġetti bħall-Arkeoloġija Nisranija.

Ta' min isemmi hawnhekk il-vista kanonika tal-Kardinal Pietro La Fontaine maħtur mill-Papa Piju X bħala segretarju tal-Kongregazzjoni tar-Riti (*Congregatio pro Sacris Ritibus et Caeremoniis*) li l-kompetenza tagħha kienet vasta, fosthom id-dixxiplina fil-kult u s-sagramenti u li tara li r-riformi tal-Konċilju

ta' Trentu jiġu mħarsa. F'dan il-perjodu, Piju X kien qed imexxi riforma universali fit-tregġija tas-seminarji sabiex dawn ikunu aktar effiċjenti u adattati għal żmienhom, skont il-kuntest tal-pajjiż u d-djoċesi li fiha kienu jinsabu. Ta' min iżomm f'moħħu li l-leġiżlazzjoni tal-Knisja dak iż-żmien kienet varjata. Ma kienx hemm kodiċi wieħed. Fl-1906 Piju X wkoll nieda l-enċiklika *Pieni l'Animo*, li fiha offra linji gwida ħa jdawlu lill-isqfijiet fit-tregġija tal-kleru u wkoll tas-seminarji. Din l-enċiklika trid tinftiehem ukoll fid-dawl ta' *Il Fermo Proposito* (11 ta' Ġunju 1905) li offriet linji gwida li jqiegħdu fil-prattika d-direttivi tal-ewwel enċiklika soċjali *Rerum Novarum* (15 ta' Mejju 1891) tal-Papa Ljun XIII. *Il Fermo Proposito* ħeġġet l-involviment kemm tal-kleru kif ukoll tal-lajċi fil-kwestjoni soċjali taż-żmien sabiex tikkuntrasta l-pożizzjoni tal-Moviment Soċjalista.

B'dawn ir-regolamenti Piju X waqqaf seminarji reġjonali u għalaq oħrajn żgħar waqt li nieda programm ġdid ta' studju. Il-mudell ta' seminarju kellu jkun wieħed li fih ikun hemm għażla (mhux firda) bejn il-formazzjoni intellettwali u l-formazzjoni, biex ngħidu hekk, interjuri u spiritwali li tifforma l-qassis. F'dan il-mudell ta' seminarju r-rettur u l-kummissjoni formattiva biss preferibbilment kellhom jgħixu mas-seminaristi u mhux il-qassisin letturi li xogħolhom kien l-istudju. Dawn il-proviżjonijiet, apparti l-qlajja' u s-suspetti li missew lil Dun Karm, iqiegħdu f'kuntest id-deċiżjoni u r-riforma ta' La Fontaine li b'direttiva tiegħu s-Seminarju tela' lura l-Imdina mill-Furjana. Dan it-trasferiment tħalla f'idejn id-delegat amministrattiv P. Anġlu Portelli O.P. Fil-fehma tiegħi, fil-vista kanonika ħabtu flimkien dan il-proġett universali ta' riforma tas-seminarji, li wasal Malta ma' La Fontaine, u l-opportuniżmu ta' min ried jagħmel ħsara lil Dun Karm, kif jgħid hu nnifsu, minħabba l-għira.

Għalkemm *Pieni l'Animo* kienet maħsuba għall-episkopat Taljan, ħalliet ukoll impatt fuq il-Knisja f'Malta. Sal-1844 Malta kienet parti mill-Provinċja Ekkleżjastika tal-Arċidjoċesi ta' Palermo fi Sqallija u fl-1844 kienet taqa' direttament taħt is-Santa Sede sakemm fl-1944 ġiet mgħollija minn Piju XII għal Arċidjoċesi Metropolita. L-enċiklika *Pieni l'Animo* tenfasizza d-dixxiplina u wkoll tiftaħ għajnejn l-isqfijiet fuq l-insubordinazzjoni u l-indipendenza tal-kleru, il-kontroll fin-numru ta' kandidati għall-ordinazzjoni fi djoċesijiet fejn in-numru ta' kleru kien bil-wisq aktar milli djoċesi teħtieġ, is-separazzjoni bejn Seminarju Minuri u Maġġuri, u l-attenzjoni bir-reqqa mit-tħaddin ta' tagħlim (Modernista) li hu kuntrarju għall-fidi u d-duttrina tal-Knisja.

Dwar il-Moderniżmu ma kien instab xejn imdakkar bih fit-tagħlim tat-Teoloġija fis-Seminarju ta' Malta. Mhux talli hekk, talli fis-Seminarju t-tagħlim kien misjub aħjar minn dak offrut fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università. Id-Direttur tal-Edukazzjoni fil-fatt kien issuġġerixxa biex il-Fakultà tingħata l-benefiċċji tal-Ġiżwiti u tingħaqad mal-Istitut tat-Teoloġija tas-Seminarju. Ir-raġuni kienet li fis-Seminarju s-suġġetti mgħallma ma kinux biss id-Dommatika u l-Morali, imma wkoll l-Istorja, il-Patroloġija, u l-Liturġija. Barra minn hekk, fil-Fakultà kien hemm żewġ professuri, ftit li xejn studenti regulari, u numru mdaqqas ta' udituri. L-Isqof Scicluna ma kienx aċċetta din il-proposta. Iktar tard Piju X kompla r-riformi bil-Motu Proprio *Pro Italia et Insulis Adiacentibus de studio doctrinae S. Thomae Aquinatis in scholis Catholicis promovendo* (29 ta' Ġunju 1914). F'dan il-Motu Proprio Piju X stabilixxa li fejn hemm fakultajiet li jagħtu l-gradi akkademiċi tiġi mgħallma t-Teoloġija Tomista inkella tiġi soppressa l-Fakultà.

Fil-Knisja fil-fatt kien hemm żewġ movimenti u modi ta' kif wieħed iwieġeb għall-Moderniżmu:

1) oppożizzjoni sħiħa mibnija fuq il-presuppost li l-Knisja hija inkompatibbli maċ-ċiviltà moderna, u

2) li wieħed b'għaqal u prudenza jara x'hemm fiċ-ċiviltà moderna li huwa kompatibbli mal-fidi u jużah fi djalogu kostruttiv.

Tal-ewwel tagħlaq il-Knisja f'dinja għaliha, tat-tieni hija iktar avventuruża u attwali. Il-fatt li Dun Karm tħalla jgħallem is-Seminarju wara din il-vista jindika li ma nstab xejn f'tagħlimu (speċjalment l-Istorja tal-Knisja u l-Kożmografija) li jeħodha kontra l-Maġisteru. Il-Kożmografija – l-istudju tal-univers – hija relatata mal-Astroloġija u l-Kożmoloġija (teista jew xjentifika). Dan tal-aħħar kien wieħed mit-trattati li jaqgħu taħt il-metafiżika u kienu jaħarqu għal dak iż-żmien minħabba li seta' jieħdok fl-estremi kemm jekk tħaddan il-viżjoni teista u kemm jekk tħaddan dik xjentifika. Fil-Kożmoloġija – min-naħa teoloġika – tintmiss l-interpretazzjoni letterali jew simbolika tal-Iskrittura, speċjalment fejn jidħol il-Ġenesi. Jidħlu wkoll il-kategoriji Klassiċi ta' Alla Etern, Immutabbli, u r-relazzjoni tiegħu mal-ħolqien. Fih jidħol ukoll Kristu bħala l-Bidu u t-Tmiem ta' kollox, il-*logos*, jiġifieri "s-sens moħbi wara dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx." Min-naħa l-oħra nżommu f'moħħna li l-misteru tal-ħolqien, is-sens tal-eżistenza, u temi oħra eżistenzjali huma parti mill-pakkett tal-interpretazzjoni Modernista, meqjusa mdawla u xjentifika. Ma ninsewx ukoll li Dun Karm kien jgħallem il-Matematika, suġġett ieħor xjentifiku. Dawn l-isfaċċettaturi jagħtuna ħafna x'nifhmu dwar il-persuna ta' Dun Karm. X'kienu

tamietu bħala bniedem ta' fidi (istituzzjonalizzat) u edukatur Malti, apparti poeta?

Dun Karm kien żgur influwenzat minn dan il-proġett universali tal-Papa Piju X għat-tiġdid ta' kollox fi Kristu u mhux biss. Jekk kif jgħid Tencaioli, l-opra ta' Dun Karm, saħansitra dik poetika, *"è essenzialmente educativa,"* tajjeb li nifhmu x'kienet il-viżjoni edukattiva tiegħu. Ħjiel insibuh f'taħdita li huwa ta lis-Salesjani fil-Knisja tal-Pilar fl-1903 dwar Dun Bosco, wieħed mill-figuri tar-Romantiċiżmu Kattoliku. Dun Bosco wkoll huwa qassis li b'karizma partikulari għamel tiegħu l-proġett tal-*instaurare omnia in Cristo.* Dun Bosco, meħud bħala mudell minn Dun Karm, nistgħu nqegħduh mat-tieni kategorija ta' nies li fittxew id-djalogu mal-kultura ta' żmienhom mingħajr ma jaqa' fl-ideoloġija.

L-ewwel li jolqotna fit-taħdita ta' Dun Karm hija d-dedika li huwa jagħmel lill-Professur Cuschieri. Li nħossu għandu jolqotna (apparti l-oġġett tad-dedika minħabba l-antagoniżmu mistħajjel bejn Psaila u Cuschieri) huwa l-kliem li juża, u li jgħidilna ħafna fuq Dun Karm, apparti fuq Cuschieri:

*Al giovane professore*
*P. Anastasio Cuschieri*
*fervido cultore de la scienza*
*ammiratore de l'arte sincero*
*questo tenue lavoro*
*pegno di sentito affetto*
*l'autore amico dedica*

Li jinteressana hawnhekk hija l-espressjoni *"fervido cultore della scienza ammiratore de l'arte sincero."* Tencaioli mhux biss jiddeskrivi lil Dun Karm bħala *"maestro"* imma wkoll *"dotato di fine estetico."* Nistgħu ngħidu li t-tifħir lil Cuschieri ġej mill-apprezzament tal-istess kategoriji: razzjonalità u estetika. Fid-diskors lis-Salesjani jerġgħu joħorġu dawn il-kategoriji li Dun Karm ifaħħar fl-opra edukattiva ta' Dun Bosco li tittama għal ġejjieni aħjar (*"un avvenire di speranza e d'onore"*):

> *Santificare la scuola, utilizzare la vita coltivando la salute e l'energia, temprare la volontà al giusto indirizzando il cuore al buono e al bello, poi correre unanimamente verso un fine grande proposto: "Far bene a se stessi e a quanti altri si puo"*
>
> *... su l'educazione della mente pone l'educazione del cuore: su tutte le cose Iddio, e a Dio la preghiera*
>
> *... fa gustare le intime gioie serene nell'ideale amplesso de' due amori: l'umano e il divino*
>
> *... da scrutatore profondo comprese lo spirito dei tempi, intui nella coscienza della società contemporanea, scoperse gli errori, i traviamenti e le passioni: e perché tutto comprese a tutto volle rimediare...*

It-tama ta' Dun Karm ma tinstabx f'*"le meravigliose scoperte filosofiche dai Razionalisti che stabilirono tutto essere natura e niente di là della natura"* kif isejħilhom hu nnifsu b'xi ftit tal-ironija ... għax, skontu, *"scoperte"* mhumiex ġaladarba *"vecchie come il paganesimo, ma che vestite di nuove forme."* Dan il-kxif

xejn ġdid, fil-fehma ta' Dun Karm, ħoloq il-manija tal-libertà, l-ugwaljanza vjolenti, is-Soċjaliżmu inkurlat li wettaq delitti atroċi, it-telqa tal-ispirtu, u d-dwejjaq eżistenzjali. Hawnhekk ma nistgħux ma ninnutawx li Dun Karm kien konxju ta' dak li kien għaddej madwaru fuq livell soċjopolitiku, u għaldaqstant, minkejja r-Romantiċiżmu kollu, kien qed iħoss l-ispirtu taż-żmien. Dan id-diskors tal-1903 bħal donnu jantiċipa dak li kellu jseħħ għaxar snin wara fl-Ewwel Gwerra Dinjija bl-atroċitajiet li lkoll smajna bihom.

Parti minn dan id-diskors tal-4 ta' Mejju 1903 donnha tantiċipa wkoll l-ispirtu tal-Papa Piju X li beda jrieġi l-Knisja f'Awwissu tal-istess sena. Għaldaqstant, jidher biċ-ċar li Dun Karm mhux biss ma kienx maqtugħ mir-realtà imma sab ukoll sintonija mal-viżjoni ta' Piju X. F'dan id-diskors ta' Dun Karm insibu spiss il-kliem *raccogliere, ristoro, ricovero, redimere, conservare* huwa u jfisser l-opra soċjali ta' Ġwanni Bosco li fuqu jgħid, kważi b'kumment awtobijografiku: *è prete: ma egli amò d'immenso amore la sua Italia.* Dun Karm ukoll kien qassis, qassis li ħabb bi mħabba bla qjies lil Malta tiegħu u ħabbha ta' qassis, poeta, u edukatur, u x-xewqa tiegħu għal Malta kienet li tibqa' fi Kristu kif jesprimi ruħu b'insistenza fl-innu liturġiku "Għedtilna Kelma"*:*

Deh, wettaq Int, Marija,
Il-fehma fit-twemmin
Għax aħna rridu li Ġesù, Ibnek,
Isaltan dejjem fost il-Maltin.
Għax aħna rridu li Ġesù, Ibnek,
Isaltan dejjem fost il-Maltin.

It-tagħlim tiegħek tagħlim tas-Sema,
Le, Ġesù ħelu, qatt ma niċħduh;
Aħna nixtiequ li Malta tagħna
Tkun dejjem miegħek fil-qalb, fir-ruħ.

Hawnhekk jidħol it-tqarrib ta' Dun Karm lejn ir-Romantiċiżmu kulturali Taljan. F'dan il-qasam Oliver Friggieri jifthilna tieqa fuq it-tqarrib ta' Dun Karm lejn il-motiv ċentrali tal-Manzoni li huwa mibni fuq l-iskema tal-liturġija Kattolika li ssib il-qofol u s-sens tal-eżistenza u tal-Ġrajja, mhux fl-immedjat u fit-tfassil tal-ġrajjiet waħda wara l-oħra, iżda fil-viżjoni ġewwenija, fl-intimità tar-ruħ li tfittex is-sens moħbi wara l-eżistenza.[9] Dan it-tiftix iqarreb lil dak jew dik li jfittxu lejn il-pjan ta' Alla (*beneplacitum*: it-tajjeb u li jogħġob, il-veru morali li hu kawża tas-sabiħ, imma li hu wkoll effett tiegħu) għall-ġens tal-bnedmin. It-tama, jekk trid il-futur, għal Dun Karm tinsab proprju filli wieħed jidħol f'dan il-pjan.

F'Dun Karm jingħaqad ir-Romantiċiżmu bħala kultura speċifika li tista' titqies bħala moviment ta' spiritwalità lajka u r-Romantiċiżmu Nisrani jew Kattoliku li ssawwar mill-influss kulturali li sab kompatibilità jew art għammiela fil-Kristjaneżmu. Ir-riflessjoni u d-dinja spiritwali sabitha eħfef li tgħum f'kuntest Romantiku milli f'wieħed Illuminista. F'dan il-kuntest il-Kristjaneżmu, bħal ngħidu hekk, sab il-mistrieħ u l-kenn mill-aggressività antireliġjuża tal-Illuminiżmu. Mhux il-post hawnhekk li noqogħdu nduru fuq l-iżvilupp ta' dan il-kurrent. Ngħidu biss li din il-kompatibilità dawret il-

[9] Ara: Oliver Friggieri, 'Dun Karm tra Neoclassicismo e Romanticismo' fil-*Journal of Maltese Studies*, 12, (1978), 10-44.

moviment Romantiku lejn it-traxxendenza divina li ssir kważi esperjenza mistika. Il-filosfu Joseph Marie de Maistre (1753-1821), figura fundamentali għall-kurrent Kontro-Illuminista (*Gegenaufklärung*), kien jemmen li l-Monarkija biss tista' toħroġ l-Ewropa mit-taqlib ta' wara r-Rivoluzzjoni Franċiża, iddefenda bis-sħiħ is-sistema ġerarkika, u kien jemmen li l-Papa kellu jkun l-ogħla awtorità f'ordni soċjali ġdid.[10] Din il-linja ta' ħsieb insibuha wkoll fil-filosfu Russu Vladimir Solovjov (1853-1900) li kien jemmen fil-Pan-Kattoliċiżmu miġbur taħt l-awtorità tal-persuna tal-Papa, mhux biss fi kwestjonijiet spiritwali imma wkoll f'dawk temporali, fehma li nsibuha f'Dun Karm ukoll fid-diskors lis-Salesjani dwar Dun Bosco li fl-1850 kiteb, "ir-ragħajja jgħaqqduna mal-Papa, u l-Papa ma' Alla," u dan għax hu s-simbolu tal-awtorità morali li setgħet iġġib ordni fl-epoka meqjusa bħala żmien l-Antikrist.

[10] Ara De Maistre, *Du Pape*, Charpentier, Paris 1841. L-ewwel edizzjoni ta' din il-kitba ġiet mitbugħa fl-1819; Id. *Les soirées de Saint-Pétersbourg, ou Entretiens sur le gouvernement temporel de la Providence*, 2 vols, Lib. Grecque, Latine & Française, Paris 1821. Il-viżjoni ta' De Maistre, ispirata mill-*Unam Sanctam* ta' Bonifaċju VIII hija waħda reazzjonarja għall-Illuminiżmu u f'ċertu aspetti jkollna ngħidu li hija aggressiva u radikali bħall-kurrent antireliġjuż li lilu jirribatti. Biex wieħed jgħarbel iktar il-ħsieb ta' De Maistre nissuġġerixxi Marco Ravera, *Introduzione a il tradizionalismo francese*, Laterza, Roma-Bari 1991; Domenico Fisichella, *Il pensiero politico di de Maistre*, Laterza, Roma-Bari 1993; Alberto Spektorowski, 'Maistre, Donoso Cortés, and the Legacy of Catholic Authoritarianism' fil-*Journal of the History of Ideas*, 63/2 (2002) 283-302; Alessandro Della Casa, 'Le due modernità di Joseph de Maistre. Isaiah Berlin e l'interpretazione del fascismo', fi *Studi Storici* 53/4 (2012), 905-927.

L-idealizzazzjoni tal-imgħoddi u t-twemmin fl-identità nazzjonali tar-Romantiċiżmu lajk bħala t-triq tat-tiġdid (restawr) intlaqgħu mill-ideali Kattoliċi tal-ġieħ mogħti lit-Tradizzjoni bħala sors ta' identità (ekkleżjastika) u pedament għall-ġejjieni. Ir-Romantiċiżmu Kattoliku huwa u jgħanni r-rikonċiljazzjoni tas-soċjetà u r-reliġjon, fl-istess ħin kien fil-periklu li jibqa' biss fuq livell ta' idealizzazzjoni emottiva u sentimentali b'ħarsa nostalġika lejn imgħoddi idealizzat, u min jidealizza l-imgħoddi jaqa' aktarx fin-nuqqas ta' apprezzament għat-tajjeb u l-progress rivoluzzjonarju fil-ħsieb, fl-arti, fil-politika, u fil-viżjoni tal-ħajja fl-issa ta' żmienu (ilkoll nafu x'passi ta' ġgant saru fuq dawn il-livelli fi żmien li minnu qegħdin nitkellmu, passi li biddlu l-kors tal-ġrajja tad-dinja).

Fil-forma pożittiva tiegħu s-sentiment u l-emottiv huma, biex nikkwotaw b'mod ħieles lil De Maistre, dik il-qawwa tar-reliġjon li tittrasforma u tgħolli 'l fuq il-qalb tal-bniedem.[11] F'Dun Karm, pereżempju, dawn l-elementi msoffija u mmansati jieħdu l-forma partikulari fil-poeżija reliġjuża-liturġika, l-iktar dik Ewkaristika, li tqila daqs bajda b'sentimenti mistiċi u Romantiċi li, ngħid għalija, jeħduni f'dinja oħra u jerfgħuli ħsibijieti u qalbi 'l fuq b'dak kollu li fiha kull darba li nkantawha fil-quddiesa; kif ukoll fl-idealizzazzjoni kważi utopika tal-popolin (raħħala u bdiewa) li jqanqal sentimenti folkloristiċi bħala sors ta' identità nazzjonali, kontra "s-semm barrani dieħel ġol-ibliet." Din l-idealizzazzjoni utopika kienet u hija suġġett għall-kritika minħabba l-periklu li semmejt qabel.

---

[11] Ara l-ħsieb ta' de Maistre f'*Les soirées de Saint-Pétersbourg, ou Entretiens sur le gouvernement temporel de la Providence.*

F'dan ir-rigward ma nafx qattx sar xi studju jew analiżi tal-kotba li Dun Karm kellu fil-librerija tiegħu. Interessanti kieku wieħed kellu jsib kittieba tar-Romantiċiżmu Nisrani u Kattoliku bħal von Görres, Grou, Brentano, Lammenais, Lacordaire, Gratry, Domenico della Madre di Dio, u Martini. Dan tal-aħħar jikteb fil-*Confortatorio di Mantova* li "l-imħabba tal-aħwa hija dik li tirregola l-imħabba tan-nazzjon ... L-imħabba tal-aħwa tifforma l-patrijotta veru u l-patrijotta ta' veru jsib ġieħu u s-sebħ tiegħu fiha. Imma mbagħad, mingħajr ir-reliġjon ta' Kristu se nsibu l-imħabba tal-aħwa?"[12] Fil-ħsieb ta' Martini, Romantiku liberali, il-ħajja ta' fidi u ekkleżjali trid tissarraf f'viżjoni etika-ċivili fi Kristjaneżmu raġunat u ċivili. Skont dan l-ideal, kulħadd għandu jibqa' armonikament f'postu fis-soċjetà Nisranija: il-ħaddiem tal-id jaċċetta l-qagħda tiegħu u jħossu grat lejn min iħaddmu, waqt li s-sid għandu jkun ħanin mal-ħaddiem li jiddependi minnu. Minn hawn talbet Dun Karm fl-Innu Malti, "Rodd il-ħniena lis-Sid, is-saħħa lill-ħaddiem, / seddaq l-għaqda fil-Maltin u s-sliem," li jesprimi għalih min hi l-Malta ideali.

F'Dun Karm huwa ċar ħafna dal-ħsieb li t-tama għal Malta tinsab filli tmur lura għall-għeruq tagħha li jagħtuha identità (ċivili-reliġjuża) sabiex tqum fuq saqajha u timxi 'l quddiem. Ilkoll nafu li f'din il-viżjoni jingħaqdu flimkien ir-*religio et patria*. Ħa nġibu eżempji:

---

12 Din l-opra, li tiġbor fiha l-esperjenza ta' Don Luigi li akkumpanja l-grupp ta' patrijotti Taljani li nqatgħetilhom għall-mewt u għalhekk baqgħu magħrufa bħala *i martiri di Belfiore*, hija maqsuma f'żewġ volumi u hija mimlija b'espressjonijiet u sentimenti simili bħal dawk miġjuba hawn fuq. Dawn il-"martri" ġew mgħallqa bejn l-1852 u l-1855. Ara, Luigi Martini, *Il Confortatorio di Mantova negli anni 1851, 52, 53 e 55,* 2 vol. Mantova: Signorelli, 1867, 7, 9, 13, 55, 193, 223, 261, 293, 325.

Min ma jafx il-qalb, il-fehma
tal-ulied li inti rabbejt?
min ma jafx dik l-Emmna Mqaddsa
li bħal sejf tan-nar żammejt?

("Lil Malta – Għanja")

Daqsek lil ħadd; għaliex jekk inti żgħira
setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,
u ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

("Lil Malta")

Is-sliem għalik, is-sliem, o Malta tagħna,
ċkejkna fid-daqs, 'mma fi ġrajjietek kbira!
Alla ħatrek għalih, għamlek setgħana
fir-ruħ u l-qalb biex qatt ma taqa' rsira.

Sidrek imċarrat, ġie xi waqt, beżżagħna,
għax demmek ċarċar fl-art u sar għadira;
Iżda Min ħabbek le, ma nsiekx; refagħna,
biex tal-għaġeb li int tibqa' t-tifkira.

("Lil Malta 11-XI-42")

U qalbek birdet, għax m'għadhiex issaħħnek
dik l-Emmna mqaddsa li fil-jum tal-hemm
kissret l-għodda tal-għira u fuq Sant'Jiermu
kitbet storja bid-demm.

("Lil Malta tal-lum u ta' għada")

Huwa interessanti ħafna wara dan kollu ninnutaw kif Dun Karm bħala Romantiku tpaxxa u tgħaxxaq bl-interpretazzjoni ta' Kristu Re minn Sciortino, waqt li oħrajn kolti stmerrewh. Fix-xogħol ta' dan l-artist Żebbuġi jidhru l-elementi tar-Realiżmu u l-Futuriżmu. Huma forsi l-elementi u l-influwenzi ta' Rodin fuq Sciortino li laqtu lil Dun Karm u ġibduh lejn din l-opra. Rodin, meqjus bħala l-missier tal-iskultura Moderna, qatt ma rribella kontra l-imgħoddi, anzi! Il-punt tat-tluq tiegħu u l-ispirazzjoni tiegħu dejjem kienu jiġu minn temi tradizzjonali, mitoloġiċi, u allegoriċi. Huwa kien Realista u Romantiku fl-istess ħin hekk li kien kapaċi joħroġ mill-iskultura tiegħu l-identità u l-karattru individwali tas-suġġett.

Fil-kitba tiegħu *Il Monumento commemorativo del congresso. Osservazioni-Riflessioni-Critica,* Dun Karm jirrepeti kemm-il darba, direttament jew indirettament, dawn l-elementi. L-opra ta' Sciortino hija ġdida imma għeruqha fl-ideali għolja tat-tradizzjoni mhux biss estetika imma wkoll dik reliġjuża. Biex wieħed jintebaħ b'dawn l-għeruq ma jridx joqgħod biss fuq dak li tissuġġerilu r-raġuni mgħallma tiegħu. Minn dak li jikteb Dun Karm, ma kienx biss il-popolin li tfantas b'din ix-xbieha għax stenna li se jara l-Kristu sentimentali tad-devozzjoni popolari, iżda wkoll għorrief u nies tax-xjenza – isejħilhom Dun Karm – li bil-kriterji tagħhom ta' mgħallma rmew din l-opra. Lanqas ma jrid jikkuntenta ruħu biss billi jħares lejn l-opra, min irid jifhimha u japprezzaha, iżda jrid bis-sabar jiffissa ħarstu fuqha, jaħseb dwarha fi proċess dinamiku ġewwieni li jgħinu jmur lil hemm mill-oġġett sensibbli, bħalma għamel Dun Karm innifsu huwa u jikkontempla din l-opra.

F'din il-kitba jirreferi għal argument estetiku importanti. Waqt li l-ġdid jiddifferixxi mill-qadim (dak li hu stabbilit) fil-forma u fl-espressjoni skont iż-żmien u l-ġenju artistiku li jara 'l bogħod, il-ġenwinità tiegħu bħala espressjoni Sabiħa tas-Sewwa tidher mal-mogħdija taż-żmien, donnha l-opra tal-ġenju tagħtina ħjiel minn qabel taż-żmien li għad irid jiġi. Dun Karm jidħol fid-dettall tal-anatomija u l-qagħda tal-Kristu tal-Monument. Huwa jitfgħalna għajnejna lejn il-fatt li Kristu *"celeste pellegrino di amore [...] dell'amore forte...austero,"* miexi u jħares 'il quddiem. L-argument ta' Dun Karm huwa li dan jesprimi l-mixja ta' Kristu Ewkaristiku, *"robusto e severo,"* Ħakem u Sid id-dinja u l-ġnus kollha, fost il-poplu tiegħu. Dan id-dettall ifakkarna f'dak li hemm miktub fil-Ġenesi fuq il-mixja ta' kuljum ta' Alla fil-ġnien tiegħu u mal-bniedem li hu ħalaq. Fil-fehma ta' Dun Karm, waqt il-Kungress tal-1913 Malta kellha l-unur u l-grazzja li s-Sid tagħha jiġi jżur din l-art li hija tiegħu.

Dawn il-Kungressi bdew f'Lille fi Franza fl-1881 bl-ispirazzjoni ta' San Pierre-Julien Eymard bl-għan li *"far sempre più conoscere, amare e servire Nostro Signor Gesù Cristo nel Santissimo Sacramento dell'altare ... e di lavorare in tal modo ad estendere il suo regno sociale nel mondo* (*Regolamento generale del 1887,"* art. 1)[13]. L-għan kien doppju: devozzjoni ewkaristika u trasformazzjoni soċjali. Taħt Piju X, il-Kungressi, li daħlu fil-proġett tiegħu tal-*instaurare omnia in Christo*, ħadu xejra oħra, iktar iffukata fuq iċ-ċelebrazzjoni nfisha tal-Ewkaristija, milli madwar il-kult ewkaristiku barra mill-quddiesa. Dun Karm kien ħa sehem fil-

13 Piero Marini, *La fisionomia dei Congressi eucaristici. Tra storia e attualità,* taħdita fil-Laqgħa tal-Konferenza Episkopali Irlandiża (Maynooth 9 ta' Ġunju 2009), online: http://www.vatican.va.

Kungress li kien sar Vjenna bejn it-12 u l-15 ta' Settembru 1912. Minn Vjenna s-Sinjur niżel Malta u minn hawn, kif jgħid Dun Karm, mar Lourdes. F'Malta dan is-Sinjur *"stabile e forte nei diritti eterni che egli ha su le creature tutte come Dio, anche come uomo si leva alto sovra tutti i suoi fratelli,"* donnu ġie biex jara 'l fejn hi sejra din l-art magħżula. Malta, min-naħa tagħha, tagħraf lil Sidha u mitfugħa taħtu fiċ-ċokon nobbli tagħha, twiegħed li tiegħu se tibqa' fiż-żmien li ġej. Ma nkunux inġebbdu jekk ngħidu li f'Dun Karm hemm din il-preokkupazzjoni għaż-żmien li ġej u donnu jrid iqiegħed fuq fomm Malta minn qabel din il-wegħda tal-fedeltà, biex iħejjiha u jorbotha għall-quddiem. Għal Dun Karm, il-monument mhuwiex biss ta' Kristu Re imma huwa wkoll ta' Malta. Ma jesprimix biss min hu Kristu, iżda min hi Malta. Huwa mafkar f'ġieħ it-tnejn ... u jekk hu mafkar f'ġieħ it-tnejn, nistaqsi jien, qiegħed fil-fatt jimplika li dak li juri u jfisser, kien, u m'għadux iżjed?

> Issa waħdek, b'mixjitek sabiħa,
> b'dik il-ħarsa mitfugħa 'l quddiem,
> fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla,
> fommok mimli bil-kelma tas-sliem?

("Il-Monument")

Żminijietna huma differenti bil-bosta minn żminijiet Dun Karm, iżda f'ċerti versi huma wkoll l-istess, fosthom il-mistoqsija "fejn int sejjer, o Bniedem, o Alla?" li għadha leġittima fi żmienna li mhuwiex biss żmien ta' tibdil, imma tibdil ta' żmien. Irridu nkunu tal-azzar biex żminijietna, bl-inċertezzi kollha, ma jnisslux fuq fommna l-mistoqsija "fejn int sejjer, o Bniedem?" u għal bniedem

ta' fidi u saċerdot bħalma kien Dun Karm, il-mistoqsija tkompli tidwi: "fejn int sejjer o Alla?"

Nafu fejn konna, u nafu fejn kont ja bniedem, ja Alla. Imma aħna fl-issa, f'din Malta tagħna, jidher li lanqas nafu fejn aħna ... lanqas nafu fejn int u fejn sejjer ... "x'se nkunu 'l quddiem mhuwiex muri lilna" (1Ġw 3:1-2) ... ħallejna surtek fin-nofs, issaltan fil-Mall tal-Furjana, suritna b'rasha tmil tagħtik ġieħ u twiegħdek il-fedeltà u l-lealtà, fil-Mall tal-Furjana ... Le ma neħħejniex min-nofs il-marki tiegħek u tagħna, bħalma għamlu fil-misraħ ta' Oss ... Dawk l-għeruq tagħna, l-istorja tagħna, l-identità li kienet tagħna. U għalkemm għadek hemm, madwarek u madwarna "hemm bħal abbiss li ma jħallix la lilek u lanqas lilna naqsmu min-naħa għall-oħra" (ara Lq 16:19-31).

Tiqafx tippassiġġa fostna, stenniena niddeċiedu 'l fejn se niġbdu, 'il fejn se mmorru. Stenniena nistenbħu ħa nkunu nafu tamietna għall-ġejjieni x'inhuma. Stabar bina u qawwina biex ma nibżgħux nistaqsu dwar is-sens tal-issa fid-dawl tal-imgħoddi aħna u mexjin pass pass lejn il-ġejjieni. Fuq kollox, agħtina l-kuraġġ tal-awtentiċità li tqegħedna fil-verità, li ma nistmerrux naqilgħuk mill-Mall tal-Furjana jekk naqtgħuha li fil-qalba ta' dak li aħna u ta' dak li rridu nkunu, postok mhuwiex f'nofs il-misraħ. Hekk ħallielna miktub b'testment Dun Karm huwa u jgħarbel tamietu bejn in-nazzjon u l-fidi bħal donnu jitħaddet f'solilokwiju Shakespearjan:

> isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,
> bir-rand f'idejk quddiem il-Monument;
> jiena ngħidulek: Gidba sar tifħirek,
> u gidba l-Monument;

għax jien rajthom lil missirijietna,
erwieħ ħosbiena, iduru mal-iswar,
ħarsthom miksura, marbutin dirgħajhom
fuq isdra tal-azzar,

ifittxu, ifittxu l-wirt li ħallew huma,
u jxenglu rashom għax ma rawh imkien;
u reġgħu niżlu ġo qabarhom ħiemda,
bħal min tilef iż-żmien.

("Lil Malta tal-lum u ta' għada")

# Ħajr

Dan l-istudju ngħata f'forma ta' taħdita għall-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar li saret fis-27 ta' Novembru 2013. Għaldaqstant inrodd ħajr lid-Dipartiment tal-Malti tal-istedina biex nagħti din it-taħdita. Ħajr lis-Sur Toni Cortis. Kien bis-saħħa tiegħu u bit-taħdit miegħu li dan l-istudju seta' jara d-dawl. Ħajr imur ukoll lill-Mons. Frans Bonnici, Segretarju fil-Kongregazzjoni tal-Edukazzjoni Kattolika fil-Belt tal-Vatikan tal-għajnuna tiegħu fir-riċerka dwar il-qagħda tas-Seminarju ta' Malta u r-riformi tas-seminarji tal-Papa Piju X. Lil Mons. Bonnici nroddlu ħajr għax ma ddejjaqx jaqsam miegħi frott ir-riċerka tiegħu dwar il-formazzjoni akkademika tal-kleru fl-Università ta' Malta. Il-frott ta' tmintax-il sena studju u riċerka jinsab pubblikat fil-volum ta' 700 paġna *The Academic Formation of Maltese Priests in the University of Malta 1838-1938*, BDL Books, Malta 2019.

Nixtieq inrodd ħajr lil Dr Olvin Vella li bla ma qata' qalbu dam sitt snin jiġri warajja sabiex nippubblika din it-taħdita f'volum monografiku. L-inkoraġġiment tiegħu u ta' oħrajn li kienu preżenti rebħuni biex nerġa' nsib il-manuskritt li kont tfajt fil-ġenb għal ħafna snin. F'dan il-kuntest ma kienx possibbli nsib ir-referenzi kollha li kont sibt fir-riċerka iktar minn sitt snin ilu. Għaldaqstant niskuża ruħi għal dawk il-kwotazzjonijiet u referenzi li mhumiex annotati. Fl-aħħar nett ħajr ukoll lil Kit Azzopardi tas-sabar fil-qari tal-provi.

# Biblijografija

Arnold, C. u Vian, G. (ed.) (2010). *La condanna del modernismo. Documenti, interpretazioni, conseguenze*. Ruma: Viella.

De Maistre, J. (1821). *Les soirées de Saint-Pétersbourg, ou Entretiens sur le gouvernement temporel de la Providence*, 2 vol., Lib. Grecque, Latine & Française, Pariġi.

De Maistre, J. (1841). *Du Pape*. Pariġi: Charpentier.

Della Casa, A. (2012). 'Le due modernità di Joseph de Maistre. Isaiah Berlin e l'interpretazione del fascismo', fi *Studi Storici* 53/4, 905-927.

Eymard, P. (1887). *Regolamento generale*.

Friggieri, O. (1978). 'Dun Karm tra Neoclassicismo e Romanticismo'. *Journal of Maltese Studies*, 12.

Friggieri, O. (1980). *Dun Karm. Il-Poeżiji Miġbura*. Malta: Klabb Kotba Maltin.

Friggieri, O. (2007). *Dun Karm. Le poesie italiane*. Malta: Malta University Press.

Goffi, T. (2003). *Storia della spiritualità - 7. La spiritualità dell'ottocento.* Bologna: Dehoniane.

Leo XIII, Papa (1891). *Rerum Novarum* (15 ta' Mejju).

Marini, P. (2009). *La fisionomia dei Congressi eucaristici. Tra storia e attualità,* taħdita fil-Laqgħa tal-Konferenza Episkopali Irlandiża (Maynooth 9 ta' Ġunju), http://www.vatican.va.

Martina, M. G. (1988). 'Così "Bepi" Sarto divenne il parroco del mondo. Pio X,' f'*I Papi del ventesimo secolo. Supplemento a Jesus* 4.III/70.

Martini, L. (1867). *Il Confortatorio di mantova.* 2 vol. Mantova: Signorelli.

Pio X, Papa (1905). *Littera enciclica. Il Fermo Proposito* (11 ta' Ġunju).

Pio X, Papa (1906). *Littera enciclica. Pieni l'animo* (28 ta' Lulju).

Pio X, Papa (1910). *Motu proprio. Sacrorum Antistitum* (1 ta' Settembru).

Pio X, Papa (1914). *Motu proprio. Pro Italia et Insulis Adiacentibus de studio doctrinae S. Thomae Aquinatis in scholis Catholicis promovendo* (29 ta' Ġunju).

Psaila, Dun Karm (1903). *Conferenza salesiana. Discorso letto dal sac. C. Psaila nella Chiesa del Pilar a' 4 di maggio 1903.* Valletta: Giuseppe Abela, Tipografo.

Psaila, Dun Karm (1913). A Malta (Dopo il congresso eucaristico). *L'Aurora nel secolo del sacramento* 17(7): 202.

Psaila, Dun Karm (1918). 'Il Monumento commemorativo del Congresso. Osservazioni – Riflessioni – Critica'. *La Diocesi* II/10 (Marzo 1918) 307-317; II/11(Aprile 1918) 321-326; II/12 (Maggio 1918) 350-353.

Ravera, M. (1991). *Introduzione a il tradizionalismo francese.* Roma-Bari Laterza.

Spektorowski, A. (2002). 'Maistre, Donoso Cortés, and the Legacy of Catholic Authoritarianism' fil-*Journal of the History of Ideas*, 63/2.

Tencaioli, O. (1932). *Poeti maltesi d'oggi*. Roma: Angelo Signorelli.

Tencaioli, O. u Fisichella, D. (1993). *Il pensiero politico di de Maistre*. Laterza, Roma-Bari.

ISBN 978-99957-1-646-2
9 789995 716462